Minuti tal-Laqgħa Nru. 44 tal-Ħames Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tlieta, 23 ta' Novembru 2010 fil-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | il-Membri |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Joseph Scicluna |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur Joseph Piscopo A. Mus.L.C.M<br>Is-Sur Joseph Camilleri<br>Is-Sinjura Luċia Massa<br>Dr. Frank Psaila |
| Skużat | Is-Sindku Is-Sur John Schembri<br>Is-Sur. Victor Caruana |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Michael Portelli |

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti Mqajjma mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Kumitat Amministrattiv
5. Approvazzjoni ta' Ħlasijiet
6. Other Matters
7. Aġġornament

## 1.0 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Il-Viċi Sindku qal li s-Sindku ma setax jippresjedi il-laqgħa peress li dakinhar huwa kellu ċ-ċerimonja tal-gradwazzjoni tat-tifel. Huwa għalhekk kellu jippresjeddi din il-laqgħa.

1.2 Peress li ma kienx hemm aktar emendi xi jsiru il-laqgħa ipproċċediet għal item li kien imiss fuq l-agenda.

## 2.0 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

2.1 Rigward paragrafu 2.2, il-Kunsillier Piscopo qal li għandha tiżdied is-sentenza 'Dawn għandhom jiġu updated fis-schedule of payments ta' wara', rigward dettalji jew emendi li jsiru fis-schedule of payments.

## 3.0 KORRISPONDENZA

3.1 Is-Segretarju ressaq stedina li waslet mingħand il-Kappillan biex il-kunsilliera jattendu għal quddiesa li se ssir għal festa ta Sant' Andrija. Din se ssir fit-30 ta' Novembru.

3.2 Is-Segretarju ressaq in-notifikazzjonijiet tal-MEPA lil-kunsillier Psaila.

3.3 Is-Segretarju semma li hemm bżonn li tinxtara l-għodda biex tintuża mill-ħaddiema tal-Kunsill fix-xogħol tal-Kunsill. Il-Kunsilliera qallu biex wieħed jara x tip t' għodda hemm bżonn u tinxtara għal użu tal-Kunsill.

3.4 Is-Segretarju semma wkoll li Salvina Borg li kienet tagħti servizz ta tindif lil Kunsill issa kienet infurmat lis-Segretarju li hi kienet applikat biex ikollha numru ta reġistrazzjoni tal-VAT. B' hekk hija se tkun regolari skont il-liġi u tkun tista tagħti servizz skont fejn il-bżonn tal-Kunsill. Hi tkun tista tibda mis-sena d-dieħla. Il-Kunsilliera preżenti qablu.

3.5 Tqajjem l-argument fuq id-dawl tal-Milied għal Ħal Luqa. Il-Viċi Sindku qal li ma jaqbilx li jkun hemm dekorazzjonijiet ta dawl peress li bħalissa it-triq tinsab maqlugħuha u mhux fi stat diċenti.

3.6 Il-Kunsilliera Piscopo u Psaila qallu li aħjar ikun hemm mixgħela tal-Milied, imqarr fuq skala żgħira għax inkella tintilef l-atmosfera.

3.7 Il-Viċi Sindku semma li kienet saret laqgħa ma Transport Malta rigward Triq il-Kunsill tal-Ewropa peress li kien hemm ipproġettat li din se terġa ssir. Huwa qal li fil-laqggħa is-suġġett prinċipali kien kif se jsir it-traffic management waqt li jkun qed issir il-proġett peress li d-disinn tal-proġett kien diġa sar u bħala Kunsill ma kienx ġie issuġġerit biex l-Awtorita tara jekk kienx hemm xi affarijiet x' jistgħu jsiru. Huwa qal li aħna bħala Kunsill waqt il-laqgħa ippruvajna inressqu xi suġġerimenti imma min kien qed imexxi l-laqgħa issuġġerrixxa biex dawn jinkitbu u jintbagħtu lic-CEO ta' Transport Malta.

3.8 Huwa qal li waħda mill-affarijiet li kienet se ssir biex ikun jista' jsir dan il-proġett kienet li se jsir extensive patching fi Triq il-Gudja. Se jkun hemm ukoll parti mit-triq quddiem id-Dinitrol fejn l-art se titieħed u titwessa t-triq. Rigward ir-roundabout li hemm quddiem id-Dinitrol din se tibqa' xorta waħda hemm imma se tiġi rranġata biex tkun aktar safe għal karozzi, għalkemm bħala membri tal-Kunsill preenti esprimew li jista' jsir arranġament biex it-traffiku li jkun jrid jidħol Ħal Luqa jitla aktar il-fuq lejn id-direzzjoni tal Ħal Qormi u jdawwar mar-roundabout li hemm.

3.9 Il-Kunsillier Piscopo qal li x-xogħol tat-traffic lights fi Triq il-Kunsill tal-Ewropa jista' jsir anki wara li tkun saret t-triq. L-istess Kunsillier qal li hemm bżonn li waqt li jkun hemm il-proġett għaddej tinstab soluzzjoni biex tissolva l-problema li hemm rigward l-għargħar li qed ikun hemm fit-triq ta biswit Triq il-Kunsill tal-Ewropa.

3.10 Il-Viċi Sindku semma wkoll li waqt il-laqgħa kien hemm ukoll il-Kunsillier Caruana preżenti u dana semma wkoll il-proposta li ssir subway min taħt l-art li taqsam għal Triq il-Gudja biex tkun aċċessibli għan nies u anki għal dawk li jkunu jridu jaqsmu b' xi makkinarju żgħir bħal mutur tal-ħart.

3.11 Il-Viċi Sindku tkellem fuq stedina li kienet waslet mingħand il-Kunsill t' Għajnsielem rigward il-feature ta Bethlehem f' Għajnsielem. Huwa qal li qegħdin joffru li wieħed jitla' bi gruppi u li jiġu mdawwrin mal-post u bl-ikel b' kollox għal prezz ta € 10 kull persuna. Huwa qal li din kienet prezz tajjeb u tista' ssir fit-13 ta' Diċembru. Il-Kunsilliera preżenti wkoll qablu ma din il-proposta.

3.12 Il-Kunsillier Camilleri staqsa jekk il-Kunsill għandux x' jaqsam b' xi mod mal-cameras li jitwaħħlu għal infurzar. Is-Segretarju wieġeb li bħala Kunsill ikollu x' jaqsam mal-maintenance tagħhom.

## 4.0 KUMITAT AMMINISTRATTIV, ĦAL FARRUĠ

4.1 Ic-chairperson tal-Kumitat Amministrattiv qal li jixtieq li għal Ħal Farruġ ikun hemm dawl dekorattiv tsl-Milied bħal siġra tal-Milied mixgħula.

4.2 Ic-chairperson tal-Kumitat Amministrattiv staqsa lis-Segretarju jekk il-permess għal Triq il-Vitorja kienx ħareġ. Is-Segretarju wieġeb li din l-applikazzjoni qiegħda fil-proċess.

## 5.0 APPROVAZZJONI TA' ĦLASIJIET

5.1 Ġiet imressqa l-lista tal-pagamenti għax xahar ta' Novembru. Is-Segretarju qal li l-ammont tal-pagamenti li kien dovut lil Kumitat Konġunt ingħata qabel il-laqgħa peress li kien hemm istruzzjoni mid-Dipartiment biex dan issir immedjat. Il-Kunsillier Piscopo staqsa fuq pagament li huwa dovut lid-DOI.

## 6.0 OTHER MATTERS

6.1 Ma kienx hemm affarijiet x' jiġu diskussi f dan l-item.

## 7.0 AĠĠORNAMENT

7.1 Il-laqgħa ġiet fi tmiemha peress li l-aġenda ġiet eżawrita. Kien hemm ftehim biex il-laqgħa għax xhra ta Diċembru issir fl-14 ta' Diċembru 2010.

Konfermati llum _______________________ 2010.

_____________________ _____________________

John Schembri
Sindku

Michael Portelli
Segretarju Eżekuttiv